

Brussell, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11544/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2026/0196 (BUD)**

**FIN 1015
INST 282
PE-L 21**

NOTA

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2027

I. INTRODUZZJONI

L-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2027 (**AB 2027**) kif propost mill-Kummissjoni Ewropea jammonta¹ għal:

- EUR 192 881.04 miljun f'appropriazzjonijiet **ta' impenn**²;
- EUR 202 567.56 miljun f'appropriazzjonijiet **ta' pagament**².

¹ Dawn l-ammonti la jinkludu l-appropriazzjonijiet previsti għas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna u lanqas għal strumenti speċjali barra l-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Jekk jiġu inklużi s-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna u l-istrumenti speċjali, l-appropriazzjonijiet skont l-AB 2027 ikunu ta' EUR 199 905.12 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u EUR 211 974.72 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament, li għall-2027 iħallu marġni ta' EUR 476.95 miljun taħt il-limitu massimu ta' impenn u marġni ta' EUR 500.78 miljun taħt il-limitu massimu ta' pagament.

² Li minnhom EUR 2 597 miljun ta' aġġustamenti speċifiċi għall-programm jirriżultaw mill-Artikolu 5 tar-Regolament QFP.

Meta mqabbla mal-baġit għall-2026³, dawn l-ammonti jirrappreżentaw żieda ta' +2.87 % f'appropriazzjonijiet ta' impenn u żieda ta' +4.92 % f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

II. APPROĊĊ LI TTIEĦED MILL-KUMITAT TAL-BAĠIT

L-AB 2027 ġie eżaminat matul ix-xhur ta' Ġunju u Lulju 2026 abbażi tal-prinċipji stabbiliti fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2027⁴. B'mod partikolari, l-għan li jiġi żgurat baġitjar prudenti u realistiku, li jiġu pprovduti riżorsi adegwati li jappoġġaw prijoritajiet stabbiliti b'mod ċar u dak li jiġu indirizzati l-isfidi tal-Unjoni kkostitwew il-prinċipji gwida biex tiġi stabbilita din il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-AB 2027.

Dan wassal lill-Kumitat tal-Baġit biex iwettaq analiżi dettaljata tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għal kull programm u azzjoni skont il-linja baġitarja, sabiex jiżgura:

- livell xieraq għall-implimentazzjoni tal-programmi, b'enfasi fuq l-appoġġ operazzjonali tagħhom, billi jiġu evitati żidiet eċċessivi meta mqabbla mal-baġit ivvutat għall-2026;
- il-kapaċità li jlaħħqu mal-kontinġenzi attwali (il-kriżijiet fl-Ukrajna u fil-Lvant Nofsani, u l-pressjonijiet migratorji); u
- marġnijiet suffiċjenti taħt il-limiti massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) biex jiġu ttrattati ċirkostanzi mhux previsti.

Ir-riżultat tal-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Baġit huwa rifless fil-proposta biex l-appropriazzjonijiet ta' impenn jiġu aġġustati 'l isfel b'EUR 1 003.18 miljun.

³ Il-baġits emendatorji Nru 1/2026 u Nru 2/2026 inklużi.

⁴ Dokument 5755/26.

Aġġustamenti mmirati għas-(sub)intestaturi 1 (*Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali*), 2b (*Reżiljenza u Valuri*), 3 (*Riżorsi Naturali u Ambjent*), 4 (*Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri*), 5 (*Sigurtà u Difiża*) u 6 (*Il-Viċinat u d-Dinja*) huma ssuġġeriti biex jitħaffef il-profil ta' xi programmi billi jitnaqqsu żidiet meta mqabbla mal-baġit ivvutat għall-2026. L-għan huwa li jiġi żgurat ibbaġitjar preċiż biex jinżammu marġnijiet suffiċjenti għall-ħtiġijiet emerġenti matul l-2027 u li l-obbligi legali jiġu onorati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kost tal-imgħax tal-EURI, kif ukoll biex tiġi evitata pressjoni eċċessiva fuq il-baġits nazzjonali.

Qed jiġi propost aġġustament speċifiku għas-subintestatura 2b (*Reżiljenza u Valuri*) fuq il-linja tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI). Il-proposta hija bbażata fuq approċċ aktar konservattiv, fir-rigward tal-kostijiet ta' finanzjament tan-NextGenerationEU (NGEU). F'konformità mar-Regolament QFP rivedut⁵, u l-ftehim fil-Konċiljazzjoni dwar il-baġits tal-2025 u l-2026 dwar l-approċċ 50-50 li għandu jiġi rrispettat kull sena fil-mekkaniżmu ta' kaskata, il-Kumitat tal-Baġit issuġġerixxa li l-appropriazzjonijiet ta' ftit programmi jitnaqqsu biex jinħolqu marġnijiet akbar. L-aġġustament propost għal-linja tal-EURI jillimita wkoll l-użu kemm tal-Istrument ta' Flessibbiltà kif ukoll tal-EURI biex ikopri qabża fil-kostijiet.

Prinċipju gwida li jillimita kemm il-linji tan-nefqa ta' appoġġ (immirati lejn kostijiet mhux marbuta mas-salarji) kif ukoll il-prerogattivi tal-Kummissjoni fil-livell tal-baġit ivvutat għall-2026 (b'żieda ta' 0 % għall-2027) huwa applikat orizzontalment. Dan ma japplikax għas-subintestatura 2a (*Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali*). Fir-rigward tal-intestaturi 4 (*Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri*) u 5 (*Sigurtà u Difiża*) il-limitu massimu japplika biss għal-linji tan-nefqa ta' appoġġ.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>).

Għall-aġenziji deċentralizzati kkategorizzati bħala status ta' "ritmu normali", huwa applikat prinċipju gwida li jillimita ż-żieda fin-nefqa tagħhom proposta fl-AB 2027 għal 2 %. Il-baġits tal-aġenziji kkategorizzati bħala status ta' "introduzzjoni gradwali" jew "kompiti ġodda" mhumiex aġġustati ħlief għall-*Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)*, li għaliha l-aġġustament propost għadu jirriżulta f'żieda importanti fil-baġit tal-aġenzija (+ 2.1 % u EUR 23.20 miljun).

Qed ikun issuġġerit ukoll aġġustament 'il fuq taħt l-intestatura 6 (*Il-Viċinat u d-Dinja*) sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed għajjnuna umanitarja disponibbli fl-2027.

Fir-rigward tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Baġit irriżultat fi proposta li l-livell jitnaqqas b'EUR 501.75 miljun. Għas-subintestatura 2a (*Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali*) huwa propost li jinżamm l-istess livell ta' approprjazzjonijiet bħal fil-baġit ivvutat għall-2026. It-tnaqqis fis-(sub)intestaturi 1, 2b, 3, 4, 5 u 6 jirriżulta minn ammont proporzjonali li jikkorrispondi għall-aġġustamenti f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet mhux differenzjati (AMD).

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-pagamenti hija rreġistrata fl-Addendum 1 ta' din in-nota.

Fir-rigward tan-nefqa amministrattiva taħt l-intestatura 7, il-Kummissjoni applikat approċċ orizzontali u naqqset il-baġits tal-istituzzjonijiet kollha biex jikkonformaw mal-istruzzjonijiet tagħha. B'dan il-mod, il-Kummissjoni allinjat il-baġits tal-istituzzjonijiet mal-aspettattivi tal-Kunsill, speċjalment fir-rigward ta' livelli stabbli ta' persunal u żieda limitata fin-nefqa mhux marbuta mas-salarji. Il-valutazzjoni tal-Kumitat tal-Baġit hija riflessa fil-proposta biex l-approprjazzjonijiet ta' impenn jiġu aġġustati 'l isfel bi EUR 8.55 miljun. Dan it-tnaqqis jirriżulta mit-tneħħija sħiħa tal-approprjazzjonijiet għall-2027 taċ-*Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (CdT)*, li huwa aġenzija awtofinanzjata (-EUR 8.55 miljun).

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-intestatura 7 (*Amministrazzjoni Pubblika Ewropea*) hija rreġistrata fl-Addendum 1 ta' din in-nota.

III. EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI TAL-KUMITAT TAL-BAĠIT^{6,7}

Abbażi tal-approċċ ta' hawn fuq, intlaħaq qbil dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-AB 2027 li, eskluż l-appropriazzjonijiet previsti għal strumenti speċjali barra l-QFP, ikun jammonta għal:

- EUR 191 877.86 miljun f'appropriazzjonijiet ta' **impenn**;
- EUR 202 065.80 miljun f'appropriazzjonijiet ta' **pagament**.

L-ammont totali ta' appropriazzjonijiet ta' pagament previst fil-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-AB 2027 jikkorrispondi għal 1.00 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING) tal-UE.⁸

F'dan ir-rigward, huma ssuġġeriti l-aġġustamenti li ġejjin għall-AB 2027:

A. NEFQA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP GĦALL-2021-2027

1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali (intestatura 1 tal-QFP)⁹

- l-istabbiliment tal-livell ta' appropriazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 435.53 miljun fl-appropriazzjonijiet mitluba fl-AB 2027 imqassma fuq għadd ta' linji baġitarji speċifiċi, inkluż in-nefqa operazzjonali u ta' appoġġ, marbuta ma':
 - **01 - Riċerka u Innovazzjoni** (-EUR 312.15 miljun, li minnhom -EUR 231.47 miljun fuq *Orizzont Ewropa*, -EUR 10.68 miljun fuq il-*Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom* u -EUR 70.00 miljun fuq ir-*Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)*,

⁶ Tabella b'sommarju tal-eżitu tal-proċedimenti tinsab fl-Anness 1 tal-Addendum 2 ta' dan id-dokument.

⁷ Ir-riżultati dettaljati marbuta mal-oqsma ta' politika diversi jinsabu fl-Annessi 2 sa 6 tal-Addendum 2 ta' dan id-dokument.

⁸ Abbażi tal-previżjoni tal-ING ta' Mejju 2026.

⁹ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2027 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 ta' dan id-dokument.

- **02 - Investimenti Strateġiċi Ewropej** (-EUR 109.54 miljun, li minnhom -EUR 10.00 miljun fuq il-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)* - *Enerġija*, -EUR 43.60 miljun fuq il-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF)* - *Diġitali*, -EUR 55.00 miljun fuq il-*Programm Ewropa Diġitali*, -EUR 0.48 miljun fuq l-*aġenziji deċentralizzati*, jìgifieri fuq l-*Aġenzija għall-Appoġġ tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (l-Uffiċċju tal-BEREC)* (02 10 05) u -EUR 0.46 miljun fuq l-*Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*),
- **03 - Suq Uniku** (-EUR 3.54 miljun, li minnhom -EUR 2.34 miljun fuq il-*Programm tas-Suq Uniku (inkl. l-SMEs)* u -EUR 1.20 miljun fuq il-*Programm tal-UE għal Kontra l-Frodi*,
- **04 - Spazju** (-EUR 10.30 miljun fuq il-*Programm Spazjali Ewropew*);
 - għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jìgi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif propost mill-Kummissjoni;
 - l-istabbiliment tal-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament billi jitnaqqsu l-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2027 bl-ammont totali ta' -EUR 159.36 miljun, bħala konsegwenza tal-aġġustamenti f'approprjazzjonijiet ta' impenn fuq għadd ta' linji baġitarji speċifiċi, marbut ma':
- **01 - Riċerka u Innovazzjoni** (-EUR 113.43 miljun, li minnhom -EUR 85.67 miljun fuq *Orizzont Ewropa*, -EUR 4.46 miljun fuq il-*Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom* u – EUR 23.30 miljun fuq ir-*Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER)*,

- **02 - Investimenti Strateġiċi Ewropej** (-EUR 40.13 miljun, li minnhom -EUR 3.33 miljun fuq il-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) - Enerġija*, -EUR 14.50 miljun fuq il-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) - Diġitali*, -EUR 21.66 miljun fuq il-*Programm Ewropa Diġitali*, -EUR 0.48 miljun fuq l-*aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija għall-Appoġġ tal-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (l-Uffiċċju tal-BEREC) (02 10 05)* u -EUR 0.16 miljun fuq l-*Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*),
- **03 - Suq Uniku** (-EUR 2.20 miljun, li minnhom -EUR 1.80 miljun fuq il-*Programm tas-Suq Uniku (inkl. l-SMEs)* u -EUR 0.40 miljun fuq il-*Programm tal-UE għal Kontra l-Frodi*),
- **04 - Spazju** (-EUR 3.60 miljun fuq il-*Programm Spazjali Ewropew*);
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-**marġni disponibbli** taħt l-intestatura 1 ikun ta' EUR 614.02 miljun.

2. **Koeżjoni, Reżiljenza u Valuri** (intestatura 2 tal-QFP)¹⁰

(a) **Koeżjoni Ekonomika, Soċjali u Territorjali** (subintestatura 2a tal-QFP)

- jiġi aċċettat kif inhu l-livell ta' approprjazzjonijiet kemm ta' impenn kif ukoll ta' pagament (EUR 58 483.39 miljun u EUR 64 727.19 miljun, rispettivament) fl-AB 2027 kif propost mill-Kummissjoni;
- il-**marġni disponibbli** taħt is-subintestatura 2a jkun ta' EUR 0.61 miljun, kif propost mill-Kummissjoni.

¹⁰ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2027 fir-rigward ta' ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 ta' dan id-dokument.

(b) Reżiljenza u Valuri (subintestatura 2b tal-QFP)

- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 523.14 miljun fl-appropriazzjonijiet mitluba fl-AB 2027 imqassam fuq għadd ta' linji baġitarji speċifiċi, inkluż in-nefqa operazzjonali u ta' appoġġ, marbuta ma':
 - **06 - Irkupru u Reżiljenza** (-EUR 283.50 miljun, li minnhom -EUR 60.00 miljun fuq il-*Faċilità Ewropea għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku*, -EUR 0.20 miljun fuq il-*Protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni (il-"programm Pericles IV")*, -EUR 180.00 miljun fuq il-*Kost ta' finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)* u -EUR 43.30 miljun fuq *EU4Health*),
 - **07 - Ninvestu fin-Nies, il-Koeżjoni Soċjali u l-Valuri** (-EUR 239.64 miljun, li minnhom -EUR 159.00 miljun fuq il-*programm Erasmus+*, -EUR 0.18 miljun fuq il-*Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ESC)*, -EUR 31.60 miljun fuq *Ewropa Kreattiva*, -EUR 39.20 miljun fuq iċ-*Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri*, -EUR 8.97 miljun fuq l-*aġenziji deċentralizzata*, jiġifieri fuq iċ-*Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (07 10 03)*, il-*Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (07 10 06)*, l-*Awtorità Ewropea tax-Xogħol (07 10 09)* u l-*Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (07 10 08)*, u -EUR 0.70 miljun fuq l-*Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*);

- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif propost mill-Kummissjoni;
 - jiġi stabbilit il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2027 bl-ammont totali ta' -EUR 305.58 miljun bħala konsegwenza tat-tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' impenn, marbut ma':
- **06 - Irkupru u Reżiljenza** (-EUR 216.30 miljun, li minnhom -EUR 20.00 miljun fuq il-*Faċilità Ewropea għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku*, -EUR 0.20 miljun fuq il-*Protezzjoni tal-euro kontra l-falsifikazzjoni (il-"programm Pericles IV")*, -EUR 180.00 miljun fuq il-*Kost ta' finanzjament tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI)* u -EUR 16.10 miljun fuq il-*Programm EU4Health*),
 - **07 - Ninvestu fin-Nies, il-Koeżjoni Soċjali u l-Valuri** (-EUR 89.28 miljun, li minnhom -EUR 56.30 miljun fuq l-*Erasmus+*, -EUR 0.18 miljun fuq il-*Korp Ewropew ta' Solidarjetà (ESC)*, -EUR 10.53 miljun fuq *Ewropa Kreattiva*, -EUR 13.08 miljun fuq *iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri*, -EUR 8.97 miljun fuq l-*aġenziji deċentralizzati, jiġifieri fuq iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (07 10 03)*, il-*Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (07 10 06)*, l-*Awtorità Ewropea tax-Xogħol (07 10 09)* u l-*Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (07 10 08)*, u -EUR 0.23 miljun fuq l-*Azzjonijiet ifffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*);

- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- peress li ma jkun hemm **ebda marġni** disponibbli taħt is-subintestatura 2b, huwa ssuġġerit li l-Istrument ta' Flessibbiltà jiġi mobilizzat għall-ammont ta' EUR 1 506.81 miljun (-EUR 433.14 miljun) u l-Istrument EURI għall-ammont ta' EUR 2 369.84 miljun (-EUR 90.00 miljun).

3. **Riżorsi Naturali u Ambjent** (intestatura 3 tal-QFP)^{11,12}

- jiġi stabbilit il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 12.55 miljun fl-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2027, marbuta ma':
 - **08 – Agrikoltura u Politika Marittima** (-EUR 0.92 miljun, li minnhom -EUR 0.60 miljun fuq il-*Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)* u -EUR 0.32 miljun fuq l-*aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (08 10 01)*);
 - **09 - Ambjent u Azzjoni Klimatika** (-EUR 11.63 miljun, li minnhom -EUR 10.18 miljun fuq il-*Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)* u -EUR 1.45 miljun fuq l-*Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*);

¹¹ Eżami ulterjuri tal-proposta ser isir fil-kuntest tal-ittra emendatorja annwali li tagħgħorna l-istima tal-ħtiġijiet u l-approprjazzjonijiet għan-nefqa agrikola, kif tinsab fid-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament irreġistrata fl-Addendum 1 ta' dan id-dokument.

¹² Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2027 fir-rigward taċ-ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 ta' dan id-dokument.

- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif propost mill-Kummissjoni;
- jiġi stabbilit il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2027 bl-ammont totali ta' -EUR 5.20 miljun, marbuta ma':
 - **08 – Agrikoltura u Politika Marittima** (-EUR 0.92 miljun, li minnhom -EUR 0.60 miljun fuq il-*Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)* u -EUR 0.32 miljun fuq l-*aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (08 10 01)*);
 - **09 - Ambjent u Azzjoni Klimatika** (-EUR 4.28 miljun, li minnhom -EUR 3.78 miljun fuq il-*Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)* u -EUR 0.50 miljun fuq l-*Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*);
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-marġni disponibbli taħt l-intestatura 3 ikun ta' EUR 93.06 miljun.

4. Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri (intestatura 4 tal-QFP)¹³

- jiġi stabbilit il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 12.90 miljun fl-appropriazzjonijiet mitluba fl-AB 2027, marbuta ma':
 - **10 – Migrazzjoni** (-EUR 2.90 miljun, li minnhom -EUR 0.60 miljun fuq il-*Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)* u -EUR 2.30 miljun fuq l-*aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq l-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (10 10 01)*);
 - **11 - Ġestjoni tal-Fruntieri** (-EUR 10.00 miljun fuq l-*Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (11 10 01)*);
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif propost mill-Kummissjoni;
- jiġi stabbilit il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-appropriazzjonijiet mitluba fl-AB 2027 bl-ammont totali ta' -EUR 7.90 miljun, marbuta ma':
 - **10 – Migrazzjoni** (-EUR 2.90 miljun, li minnhom -EUR 0.60 miljun fuq il-*Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF)* u -EUR 2.30 miljun fuq l-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (10 10 01)*);
 - **11 - Ġestjoni tal-Fruntieri** (-EUR 5.00 miljun fuq l-*Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (11 10 01)*);

¹³ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2027 fir-rigward ta' ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 ta' dan id-dokument.

- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-**marġni disponibbli** taħt l-intestatura 4 ikun ta' EUR 116.60 miljun.

5. **Sigurtà u Difiża** (intestatura 5 tal-QFP)¹⁴

- jiġi stabbilit il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' tnaqqis totali ta' -EUR 11.52 miljun fl-approprijazzjonijiet mitluba fl-AB 2027, marbuta ma':
 - **12 - Sigurtà** (-EUR 11.12 miljun fuq l-*aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq iċ-*Ċentru tal-UE dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal (12 10 04)*);
 - **13 - Difiża** (-EUR 0.40 miljun fuq il-*Fond Ewropew għad-Difiża (Mhux tar-Riċerka)*);
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif propost mill-Kummissjoni;
- jiġi stabbilit il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprijazzjonijiet mitluba fl-AB 2027 bl-ammont totali ta' -EUR 11.52 miljun, bħala konsegwenza tat-tnaqqis fl-approprijazzjonijiet ta' impenn, fuq:
 - **12 - Sigurtà** (-EUR 11.12 miljun fuq l-*aġenziji deċentralizzati*, jiġifieri fuq iċ-*Ċentru tal-UE dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal (12 10 04)*);
 - **13 - Difiża** (-EUR 0.40 miljun fuq il-*Fond Ewropew għad-Difiża (Mhux tar-Riċerka)*);

¹⁴ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2027 fir-rigward ta' ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 ta' dan id-dokument.

- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-**marġni disponibbli** taħt l-intestatura 5 ikun ta' EUR 25.12 miljun.

6. **Il-Viċinat u d-Dinja** (intestatura 6 tal-QFP)¹⁵

- l-istabbiliment tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn, b'mira ta' żieda totali ta' +EUR 1.01 miljun fl-appropriazzjonijiet mitluba fl-AB 2027 imqassma fuq linji baġitarji speċifiċi, marbuta ma':
 - **14 - Azzjoni Esterna** (+EUR 2.08 miljun, li minnhom -EUR 4.70 miljun fuq l-Istrument ta' Viċinat, ta' *Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI)*, +EUR 9.82 miljun fuq *Għajjuna umanitarja (HUMA)* u -EUR 3.04 miljun fuq l-Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni);
 - **15 – Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni** (-EUR 1.07 miljun, li minnhom -EUR 0.87 miljun fuq l-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) u -EUR 0.20 miljun fuq il-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent);
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn kif propost mill-Kummissjoni;

¹⁵ Il-bidliet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2027 fir-rigward ta' ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2 ta' dan id-dokument.

- jiġi stabbilit il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament, bit-tnaqqis tal-approprjazzjonijiet mitluba fl-AB 2027 bl-ammont totali ta' -EUR 3.65 miljun, bħala konsegwenza tal-aġġustamenti fl-approprjazzjonijiet ta' impenn, fuq:
 - **14 - Azzjoni Esterna** (-EUR 2.57 miljun, li minnhom -EUR 4.70 miljun fuq l-*Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali*, +EUR 3.12 miljun fuq *Għajnuna umanitarja (HUMA)* u -EUR 0.99 miljun fuq l-*Azzjonijiet iffinanzjati taħt il-prerogattivi tal-Kummissjoni u kompetenzi speċifiċi kkonferiti lill-Kummissjoni*);
 - **15 – Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni** (-EUR 1.07 miljun, li minnhom -EUR 0.87 fuq l-*Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)* u -EUR 0.20 miljun fuq il-*Faċilità għar-Riforma u t-Tkabir għall-Balkani tal-Punent*);
- għal-linji baġitarji l-oħra f'dan il-qasam ta' politika, jiġi aċċettat il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni;
- il-marġni disponibbli taħt l-intestatura 6 ikun ta' EUR 540.71 miljun.

7. **Amministrazzjoni Pubblika Ewropea** (intestatura 7 tal-QFP)¹⁶

(a) **Taqsimi I - Parlament Ewropew**

Għall-**Parlament Ewropew**, huwa ssuġġerit li l-AB 2027 (Taqsimi I) jiġi approvat kif inhu (EUR 2 654.27 miljun).

(b) **Taqsimi II - Kunsill Ewropew u Kunsill**

Għall-**Kunsill Ewropew u l-Kunsill**, huwa ssuġġerit li l-AB 2027 (Taqsimi II) jiġi approvat kif inhu (EUR 752.72 miljun).

(c) **Taqsimi III - Kummissjoni Ewropea**

Ammont globali ta' EUR 4 682.86 miljun huwa ssuġġerit għan-**nefqa amministrattiva tal-Kummissjoni Ewropea** (inkluż OP, OLAF, EPSO, PMO, OIB u OIL).

Hu ssuġġerit tnaqqis immirat bl-applikazzjoni ta' tnaqqis speċifiku għall-appropriazzjonijiet relatati ma' *Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea* (-EUR 8.55 miljun).

L-ammont globali ta' EUR 3 466.02 miljun għall-**Iskejjel Ewropej u l-Pensjonijiet** huwa aċċettat kif inhu fl-AB 2027.

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (OP)

Għall-**Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet** huwa ssuġġerit li l-AB 2027 jiġi approvat kif inhu (EUR 124.05 miljun).

¹⁶ L-ammonti jeskludu l-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet għall-Iskejjel Ewropej (Tip 2). Il-bidlijiet dettaljati meta mqabbla mal-AB 2027 fir-rigward ta' ċifri skont l-intestatura tal-QFP huma rreġistrati fl-Anness 3 tal-Addendum 2.

Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

Għall-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal, huwa ssuġġerit li l-AB 2027 jiġi approvat kif inhu (EUR 30.95 miljun).

Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Indivdwali (PMO)

Għall-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Indivdwali huwa ssuġġerit li l-AB 2027 jiġi approvat kif inhu (EUR 61.53 miljun).

Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell (OIB)

Għall-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell huwa ssuġġerit li l-AB 2027 jiġi approvat kif inhu (EUR 106.77 miljun).

Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fil-Lussemburgu (OIL)

Għall-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fil-Lussemburgu huwa ssuġġerit li l-AB 2027 jiġi approvat kif inhu (EUR 34.63 miljun).

Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF)

Għall-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi huwa ssuġġerit li l-AB 2027 jiġi approvat kif inhu (EUR 74.66 miljun).

(d) Taqsim IV - Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Għall-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea huwa ssuġġerit li l-AB 2027 (Taqsim IV) jiġi approvat kif inhu (EUR 555.08 miljun).

(e) **Taqsim V - Qorti Ewropea tal-Awdituri**

Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri huwa ssuġġerit li l-AB 2027 (Taqsim V) jiġi approvat kif inhu (EUR 205.67 miljun).

(f) **Taqsim VI - Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

Għall-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew huwa ssuġġerit li l-AB 2027 (Taqsim VI) jiġi approvat kif inhu (EUR 183.12 miljun).

(g) **Taqsim VII - Kunitat Ewropew tar-Reġjuni**

Għall-Kunitat Ewropew tar-Reġjuni huwa ssuġġerit li l-AB 2027 (Taqsim VII) jiġi approvat kif inhu (EUR 138.75 miljun).

(h) **Taqsim VIII - Ombudsman Ewropew**

Għall-Ombudsman Ewropew huwa ssuġġerit li l-AB 2027 (Taqsim VIII) jiġi approvat kif inhu (EUR 16.63 miljun).

(i) **Taqsim IX -Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data**

Għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data huwa ssuġġerit li l-AB 2027 (Taqsim IX) jiġi approvat kif inhu (EUR 30.26 miljun).

(j) **Taqsim X - Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**

Għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna huwa ssuġġerit li l-AB 2027 (Taqsim X) jiġi approvat kif inhu (EUR 965.36 miljun).

Fir-rigward tal-**livelli tal-persunal**, huwa ssuġġerit li jiġu aċċettati t-tabelli tal-persunal fl-AB 2027 kif proposti mill-Kummissjoni.

Peress li ma jkun hemm **ebda marġni** disponibbli taħt l-intestatura 7, huwa ssuġġerit li l-Istrument ta' Marġni Uniku jiġi mobilizzat għall-ammont total ta' EUR 398.73 miljun (-EUR 8.55 miljun, imqabbel mal-appropriazzjonijiet mitluba mill-AB 2027) għan-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet, sabiex l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-intestatura 7 (*Amministrazzjoni Pubblika Ewropea*) hija rreġistrata fl-Addendum 1 ta' din in-nota.

B. STRUMENTI SPEĊJALI

Huwa ssuġġerit li jinżammu l-appropriazzjonijiet imdaħħla fl-AB 2027 għar-Riżerva ta' Solidarjetà u ta' Għajnuna ta' Emerġenza, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit.

L-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament imdaħħla fl-AB 2027 għall-Istrument ta' Flessibbiltà huma stabbiliti għal EUR 1 990.18 miljun kif propost fl-AB 2027). L-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Istrument ta' Marġni Uniku (l-Artikolu 11(1)(a) tar-Regolament QFP) huma stabbiliti għal EUR 1 035.39 miljun kif propost fl-AB 2027. L-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Istrument ta' Marġni Uniku (l-Artikolu 11(1)(c) tar-Regolament QFP) huma stabbiliti għal EUR 322.99 miljun (-EUR 441.69 miljun, meta mqabbla mal-appropriazzjonijiet mitluba fl-AB 2027).

C. DĦUL

Fir-rigward tad-dħul, huwa ssuġġerit li l-AB 2027 jiġi aċċettat wara l-aġġustamenti tekniċi li jirriżultaw mill-bidliet magħmula fir-rigward tan-nefqa fil-pożizzjoni tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kalkolu ta' "kontribuzzjonijiet nazzjonali" hija rreġistrata fl-Addendum 1 ta' din in-nota.

D. ASPETTI ĠENERALI OĦRA

1. Kummenti baġitarji

Huwa ssuġġerit li l-kummenti baġitarji li jinsabu fl-AB 2027 jiġu allinjati mal-bidliet magħmula fin-nefqa fil-pożizzjoni tal-Kunsill u b'mod partikolari l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għall-finanzjament tal-korpi differenti tal-UE. Il-Kunsill jirriżerva l-possibbiltà li jirrevedi l-kummenti aktar tard fil-proċess.

2. Nomenklatura

Rigward in-nomenklatura, hu ssuġġerit li jiġi aċċettat l-AB 2027. Biex jipprovdi ċ-ċarezza u t-trasparenza meħtieġa għall-proċess baġitarju, il-Kunsill jirriżerva l-possibbiltà li jipproponi nomenklatura riveduta aktar tard fil-proċess.

3. Bażijiet legali

Qed tingħata attenzjoni speċjali biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali fir-rigward tal-bażijiet legali.

IV. KONKLUŻJONI

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jikkonferma l-qbil tiegħu:
 - dwar l-eżitu tal-proċedimenti kif jinsab fil-punt III hawn fuq,
 - li jagħti mandat lill-Presidenza biex tippreżenta l-pożizzjoni tal-Kunsill flimkien mal-memorandum ta' spjegazzjoni lill-Parlament Ewropew, f'konformità mal-Artikolu 314(3) TFUE, u biex tapprova l-abbozz ta' ittra li tinsab fl-ANNESS 2 għal dak il-għan,
 - li jiġi propost li l-Kunsill idaðħhal fil-minuti tiegħu d-dikjarazzjonijiet irreġistrati fl-Addendum 1 ta' dan id-dokument, u
 - li jippubblika l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2027, kif tinsab fl-ANNESS 1, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
- li jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 12(1), l-ewwel subparagrafu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1242¹⁷, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni.

¹⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1242 tat-18 ta' Lulju 2022 li temenda r-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill (ĠU L 190, 19.7.2022, p. 137, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1242/oj>).

**ABBOZZ TA' BAĠIT ĠENERALI TAL-UNJONI EWROPEA
GĦAS-SENA FINANZJARJA 2027**

POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314(3) tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Billi:

1. Fid-9 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li fiha l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2027¹⁸,
2. Il-Kunsill eżamina l-proposta tal-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi ddefinita pożizzjoni konsistenti, fuq in-naħa tad-dħul, mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom¹⁹, u, fuq in-naħa tal-infiq, mar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027²⁰, kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765²¹.

¹⁸ COM(2026) 300 final.

¹⁹ ĠU L 424, 15.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/2053/oj>.

²⁰ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>.

²¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>).

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2027 ġiet adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Settembru 2026.

It-test shih²² jista' jiġi kkonsultat jew jitniżżel mis-sit web tal-Kunsill fl-indirizz li ġej:

<https://www.consilium.europa.eu/mt/documents/public-register/public-register-search>

Magħmul fi Brussell, fl-4 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

²² Id-dokumenti 11547/26 + ADD 1 + ADD 2.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : President tal-Kunsill

lil : President tal-Parlament Ewropew

kopja : President tal-Kummissjoni

Sinjura,

Għandek issib separatament il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2027 kif adottata mill-Kunsill.

(Formula ta' għeluq)
